MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 1147/2005

**Maltacom p.l.c. – C22334**

**Vs**

**Charles Lebrun – I.D. 447452M**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' disa' mija u sbatax-il lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm917.20c) rapprezentanti servizz tat-telefon bin-numru 21579868 liema servizz gie nstallat fil-fond 'Cheers Wines & Spirits', Triq in-Nakkri, Qawra skond diversi kontijiet mibghuta lilu.
Illi l-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali.

Ra illi l-konvenut Charles Lebrun, debitament notifikat, ma kkontestax it-talba attrici.

Sema’ lil Dr Keith Grech jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx.

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ disa’ mija u sbatax-il lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm917.20c) bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------